MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2007

Numru 893/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J Farrugia)**

**versus**

**Christian Cumbo**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Christian Cumbo ta' 21 sena iben Carmelo u Maria Dolores nee Debono mwieled Pieta fis-16 ta' Lulju 1983 u residenti Plot Numru 157, Triq Indri Grima, Swatar, Msida, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 337283(M).

Akkużat talli nhar it-18 ta' Ottubru 2004 f'dawn il-Gżejjer ġewwa Triq Salvu Psaila, Birkirkara

(a) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew jpoġġi il-ħajja fil-periklu car iżda biss bil-ħsieb li jagħmel offiża gravi fuq il-persuna ta' ħaddieħor, ikkaġuna offiża gravi fuq il-persuna ta' Carmelo Sammut, ID346847(M) hekk kif ccertifika Dr. M Aoudi MD ta' l-isptar San Luqa u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(b) volontarjament ħassar, jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobbli għad-dannu ta' Carmelo Sammut, liema ħsara ma teccedix il-Lm500 imma iktar minn Lm50 u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta
(c) daħal f'dar jew lok ieħor jew f'recint, ġewwa numru 26 Triq Salvu Psaila B'Kara propjeta ta' Carmelo Sammut b'wieħed mill-mezzi imsemmija fl-Artikoli 264, 265 u 266 għalkemm ma kien hemm l-ebda prova ta' att li jikkonstitwixxi attentat ta' reat ieħor u dan bi ksur ta' l-artikolu 330 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta
(d) volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'għajjat u dan ai terminu tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta
(e) qal kliem oxxen u espressjonijiet ta' dagħa u dan ai terminu tal-artikolu 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
(f) Inġurja u hedded, b'mod li joħroġ mil-limiti tal-provokazzjoni lil Carmelo Sammut u dan ai termini ta' l-artikolu 339(e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti intalbet ukoll tipprovdi għas-sigurta' ta' Carmel Sammut billi torbot lill-imputat Christian Cumbo b'dawk il-kundizzjonijiet li jidrilha xierqa ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat illi jġib in-numru 3372 tas-sena 1983; il-fedina penali tiegħu a fol 7; l-istqarrija ta' l-imputat a fol 22; il-current incident report a fol 27; il-verbal lli fih il-Qorti kkonfermat in-nomina ta' l-esperti maħtura mill-Maġistrat Inkwerenti Joseph Apap Bologna fl-10 ta' Novembru 2004 (fol 40); il-kopja tal-proces verbal redatt mill-Maġistrat Joseph Apap Bologna bit-titolu 'Ġlieda fi Triq Salvu Psaila B'Kara fit-18 ta' Ottubru 2004 li fiha sofrew ġrieħi Christian

Cumbo u Carmelo Sammut'; ir-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina a fol 58; ir-relazzjoni ta' l-espert serologu Robert Cardona a fol 78 et; l-emenda mitluba mill-prosekuzzjoni biex tiżdied id-data 2004 fiċ-ċitazzjoni li kienet milqugħa mill-Qorti u d-difiża tat ruħha notifikata bil-bidla (fol 126); iċ-ċertifikat maħruġ minn Aoudi a fol 24; ir-relazzjoni ta' PS 964 Robert Scicluna maħtur bħala fotografu; ir-relazzjoni ta' PS 171 Karl Glanville a fol 159 et; il-qbil da parti tad-difiża li r-riċevuti dwar il-ħsara jammontaw għal LM107.65 u d-differiment li sar biex din il-kawża titħalla għas-sentenza.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u ta' l-abbli difensur.

Ikkonsidrat

Il-fatti fil-qosor

Fit-18 ta' Ottubru 2004 fil-5.30pm, il-pulizija ta' B'Kara kienet infurmata li l-imputat Christian Cumbo kien ddaħħal l-isptar San Luqa isofri minn ġrieħi allegatament kawżati minn strument li jaqta' u bil-ponta. Qabel kellu argument ma ċertu Carmelo Sammut li joqgħod 26 Triq Salvu Psaila B'Kara. Fir-residenza ta' Carmelo Sammut kien hemm tiċpis ta' dmija u waħda mill-ħġiġiet ta' l-antriporta kienet miksura. Saret tfittxija għal strument bil-ponta biss it-tfittxija kienet negattiva.

Meta l-pulizija marru fil-fond 51 Triq Salvu Psaila B'Kara, li huwa ta' l-imputat, sabet ukoll xi dmija.

Stqarrija ta' l-imputat

L-imputat stqarr nhar id-19 ta' Ottubru 2004 illi l-imputat kien mar jipparkja quddiem garaxx mhux użat. Kien sab kannestru u kien ser ineħħieħ. Din il-persuna neħħiet il-kannestru iżda beda jidgħi ma missier l-imputat u beda jgħajjar lil missier l-imputat. Missier l-imputat qallu illi meta tiġi t-tifla kienu jaqbdu l-karozza u jneħħuha. L-

imputat mar ifittex post ieħor biex jipparkja. Meta ġie lura sema' lil Carmel Sammut joffendi lil missieru. Huwa qasam faċċata biex jara x'ġara u Carmelo Sammut kien pront fajjarlu daqqa b'oġġett blu li kien twil 6 pulzieri. Id-daqqa tahielu minn fuq għal isfel u ntlaqat imnieħru u xuftejh – it-tnejn ta' l-imputat. L-imputat intlaqat ukoll fuq geddumu u fuq spalltu.

L-imputat dak il-ħin faqa' l-ħġieġa ta' l-antriporta tad-dar ta' Carmelo Sammut b'idejh x-xellugija u spiċċa fl-intrata ta' Carmelo Sammut. Lil Carmelo Sammut l-imputat tah daqtejn b'idejh u ra l-oġġett li kellu Carmelo Sammut f'idejh itir. Carmelo Sammut pprova jinżel hu biex jerġa jaqbad l-oġġett u l-imputat tah daqtejn ta' sieq.

Meta l-imputat ħareġ barra sab ruħu kollu dmija u wieħed li joqgħod taħtu ħadu l-isptar. L-imputat qal li mallil qala' l-ewwel daqqa mingħand Carmel Sammut, huwa resaq lura u ħadu sbrixx u b'hekk evita daqqa kbira.

<u>Xhieda tal-prosekuzzjoni</u>

Xehed ukoll PS1393 Carmel Azzopardi illi qal illi kien sab xi tifrik tal-ħġieġ fl-art u fl-intrata fi 26 Psaila Street B'Kara. Il-ħġieġa ta' l-antriporta kienet mifqugħa u s-Sur Carmel Sammut kellu xi ġrieħi fuq wiċċu. L-imputat kien diġa ttieħed l-isptar. Lil Carmel Sammut kienu niżżluh l-għassa magħhom. Dan l-istess xhud kien mar flimkien ma l-ispettur l-isptar u sabu lill-imputat li kien qed ibati minn ġerħa ta' natura gravi minħabba li kellu sfreġju ġo wiċċu pero ma kienx fil-periklu tal-mewt. Kien ppreżentat ukoll il-current incident report illi għamel is-Sur Joseph Cumbo u dan jinsab a fol 27 sa 29 tal-proċess.

Xehed Dr. Mario Scerri li qal li l-imputat kellu feriti fuq wiċċu, fuq moħħu u ta' moħħu kienet kompatibbli ma inċiżjoni. Kellu abrażjonijiet ukoll fuq imnieħru. Fuq xufftejh l-imputat kellu inċiżjoni. Kellu wkoll inċizjoni fuq in-naħa ta' wara tan-naħa tal-lemin ta' sidru.

Dr. Mario Scerri eżamina wkoll lil Carmel Sammut li kellu haematoma fuq in-naħa tal-lemin ta' moħħu fuq l-għajn il-leminija u abrażjoni żgħira fuq il-pala ta' l-id ix-xellugija. Il-leżjonijiet li kellu Carmel Sammut kienu ta' natura ħafifa.

Anke dwar l-imputat Christian Cumbo, Dr. Mario Scerri qal li l-ġrieħi kienu ta' natura ħafifa għalkemm kien hemm leżjonijiet li jistgħu iħallu marka permanenti fuq wiċċu (fol 16). Jidher illi dak li sofra l-imputat kienet b'xi ħaġa fil-ponta u li taqta għalkemm mhux neċessarjament sikkina.

Dak li sofra Sammut kien a blunt trauma, jew waqa' jew daqqa.

Fuq il-ġrieħi ta' Christian Cumbo, dan l-espert kien tal-fehma li l-ġrieħi kienu kompatibbli ma xi waqa' ta' ħġieġa. L-oħrajn kienu daqxejn diffiċli. Huma ruxxmata u juru li kien hemm xi pointed surface, qisu xi ħġieġa bil-ponot (fol 17).

Xehed ukoll il-Perit Richard Aquilina illi fil-konklużjoni tiegħu qal li l-inċident inqala' minħabba parkina tal-karozza ta' l-imputat. Jidher illi Christian Cumbo qala' daqqa fuq xuftejh u ħareġ ħafna demm u ħaduh l-isptar. Jidher ukoll li l-imputat kisser il-ħġieġa ta' l-antriporta b'idu x-xellugija u l-ferita ta' fuq spalltu kien għamilielu Carmel Sammut.

Xehed ukoll is-serologu Robert Cardona illi kkonstata a fol 91 illi Christian Cumbo kellu t-tip ta' demm A Rhesus Positive waqt illi Charles Sammut kellu demm O Rhesus Positive. Fuq il-ħwejjeġ ta' Charles Sammut li huma indikati b'dawn in-numri, 04 CSV250, 04CSV251, 04CSV252, ara fol 83, fil-flokk ahmar elevat mill-entrata tal-flats Louisa li huwa mmarkat 04CSV210, fol 82 ngħata riżultat ta' demm uman grupp A. Ingħata wkoll riżultat ta' demm grupp A fuq il-kampjuni li għandhom il-kodiċi numru li jidher a fol 86 fil-paragrafu ta' qabel l-aħħar, jiġifieri 04CSV201, 202, 203, 204, 205, 206, 207, 208 u 209.

Xehdet ukoll Dr. Mirna Aoudi li kienet eżaminat lil Carmelo Sammut. Hija ddeskriviet il-feriti bħala gravi. Huwa kellu ferita f'rasu, kellu haematoma fuq in-naħa tal-lemin tar-ras, kellu blurres vision of the right eye, kien qed isofri minn nausea kif wkoll minn dizziness, sturdament. Mill-xrays li saru tas-sider u tar-ras, jidher li kollox kien normali. Ma kienx hemm fratturi. Huwa kellu bżonn li jerġgħu jarawlu għajnejh il-leminija pero ma kinitx hi li eżaminatu. Hija kkonstatat li l-feriti kienu gravi minħabba li l-imputat kellu a blurred vision of the right eye. Huwa kellu wkoll haematoma jiġifieri a big bruise (fol 110) pero l-iktar li ħassithom gravi minħabba l-kwistjoni tal-vista li kien qed isofri minnha Carmelo Sammut. Jista jkun illi kellu daqqa fuq in-naħa tal-lemin tar-ras u b'hekk kellu l-haematoma, forsi xi ħadd tah daqqa ta' ponn jew inkella daqqa ta' injama imma mhux a sharp object, fol 111.

Xehdet ukoll Helen Sammut, il-mara ta' Carmelo Sammut. Qalet li kellhom kannestru abjad żgħir u kien ser ineħħieħ. Ir-raġel tagħha kien qam minn fuq it-tarġa u qallu biex ma jneħħix il-kannestru. Dan kien minħabba li kienet ġejja t-tifla. Missier Christian qallu biex imur jipparkja xi mkien ieħor għax kienet ġejja t-tifla. It-tifel qabad il-karozza u mar jipparkja band'oħra iżda l-missier beda jgħajjarhom. Lil Christian Cumbo huma ma kienux kellmuh.

Malli daħlu raw lil Christian Cumbo mill-ewwel u kisser il-ħġieġa ta' l-antriporta. Imbgħad Christian Cumbo imbotta l-antriporta bi skoss qawwi u infetħet. Beda jimbotta lil Carmel Sammut, anke laqat lix-xhud u imbgħad Christian Cumbo beda jagħti lil Carmelo Sammut kemm jiflaħ ġo wiċċu. U waddbu bogħod xi 8 piedi u imbgħad waqqgħu ma l-art.

Carmelo Sammut beda jgħid 'ajma ajma ħallini'. Wara ċemplu l-għassa tal-pulizija. Ix-xhud qalet illi l-imputat beda jagħti lir-raġel tagħha meta dan kien ma l-art. Hija semmiet il-ħsarat li sofriet fil-propjeta tagħha u wara kienu esebiti wkoll ir-riċevuti u kien hemm anke qbil dwar l-ammont bejn id-difiża u l-prosekuzzjoni.

PS964 Robert Scicluna ppreżenta s-sett ta' ritratti li huwa ħa.

PS 171 Karl Glanville ġibed 30 ritratt li juru l-ħsarat li kien hemm fuq il-ħġieġa ta' l-antriporta tar-residenza ta' Sammut, it-tiċpis ħamrani fuq ġewwa tar-residenza u tiċpis ħamrani fuq il-vettura Skoda 120 IAB-828 li kienet quddiem il-fond 26 Teresa. Dan it-tiċpis kien mmarkat bin-numru 201 mis-seroloġista Robert Cardona. Hemm ukoll ritratti oħra li juru tiċpis tad-demm saħansitra fuq vettura Volkswagen Polo u tiċpis ħamrani quddiem l-appartamenti kif wkoll fl-indana tal-komun ta' l-appartamenti.

Xehed Carmel Sammut fit-22 ta' Novembru 2006 li qal li għandu tifla ħandikappata u kien qed jistennieha fil-bieb. Missier l-imputat kien neħħa l-kannestru u hu qallu biex iħalli l-wisa' minħabba illi t-tifla ta' Carmelo Sammut ma timxix iktar minn tliet passi. Lit-tifel pero kien qallu biex ma jipparkjax hemm hekk. Huma kienu daħlu 'l ġewwa wara li kienu offiżi minn missier l-imputat u imbgħad raw lill-imputat jagħti ma l-antriporta u kisser il-ħġieġa ta' l-antriporta. Lix-xhud beda jagħti u waqqgħu ma l-art. Kien hemm il-vetrina kien ser ikissirha bl-affarijiet antiki u reġa ħareġ fuq it-tarġa u reġa daħal jagħtih a fol 167. Il-ġrieħi li sofra kienu fuq rasu. Il-ħsarat kienu jammontaw għal LM107.65. Ix-xhud kien dam ħafna ibati b'għajnejh għax ma setgħax jara sew. Huwa kkalkula li madwar tliet xhur.

L-Avukat Ġenerali bagħat l-Artikoli tiegħu fid-29 ta' Diċembru 2005. Huwa qal illi fil-kumpilazzjoni tista' tinstab ħtija taħt l-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 325(b), 330, 338(bb) u (dd), 340, 339(e), 340, 342, 383, 17B u C, 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Xehed ukoll Carmel Sammut in kontro eżami fit-22 ta' Marzu 2007 fejn stqarr illi kien rċeva kumpens għall-ħsarat li saru fid-dar tiegħu u ma kellu ebda pretensjoni kontra Christian Cumbo. Huwa kien fieq mill-ġrieħi li kellu fuq għajnejh. Huwa wkoll qal li jaħfer lill-imputat (fol 175).

<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.</u>

L-iktar punt kruċjali f'dawn il-proċeduri kien x'tip ta' feriti kien sofra Carmelo Sammut. Minn dak li xehdet it-tabiba u miċ-ċertifikat li hija ppreżentat, jidher illi Carmelo Sammut kellu tbenġil fuq rasu u barra minn hekk kellu wkoll dik li t-tabiba sejjħet an impaired vision. Dan kollu jaqa' taħt l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9 li jgħid ċar u tond li ferita hija meqsuja gravi jekk 'it causes any deformity or disfigurement in the face, neck, or either of the hands of the person injured.' Huwa tassew illi Carmelo Sammut jidher illi fieq minn dawn wara xi tliet xhur kif xehed hu stess pero dan ma jneħħix mill-gravita tal-ferita li kien qed isofri minnha u għal hekk fil-fehma tal-Qorti japplika l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9 u mhux it-218. Il-fatt illi l-ferita gravi ma tibqax hemm għal dejjem ma jfissirx li l-ferita li jkun responsabbli għaliha l-imputat mhix waħda serja. Il-liġi tagħmel differenza bejn ferita gravi fil-wiċċ u ferita gravi anke wkoll fil-wiċċ li tibqa' għal dejjem. Għal hekk tipprovdi pieni differenti fl-Artikolu 216 u 218. Fil-fehma tal-Qorti, hawn japplika it-216 minħabba illi l-ferita jidher li sakemm xehed it-tieni darba Carmelo Sammut ma kienx għadu jbati minnha. Biex saret din il-ferita gravi li biha kien qed isofri Carmelo Sammut? Jidher li ma ntużax xi strument da parti ta' l-imputat. Li aktarx uża idejh, anke jekk bil-ponn, jew saqajh huwa u jagħti lil Carmelo Sammut. Għal hekk fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 217 ma għandux japplika f'din is-sitwazzjoni. Meta l-Qorti qieset x'qalet it-tabiba, x'qal fl-istqarrija tiegħu l-imputat stess, kif xehed Carmelo Sammut u kif xehdet il-mara tieghu Helen Sammut, ma għandha l-ebda dubju illi l-imputat kien responsabbli għal dak li ġara lil Carmelo Sammut fil-fiżiku ta' dan ta' l-aħħar. Għal hekk qed issibu ħati ta' l-ewwel imputazzjoni u bi ksur ta' l-Artikoli 214 u 215 u 216 iżda mhux ta' l-Artikoli 217 u 218.

It-tieni imputazzjoni kienet dwar il-ħsara li għamel l-imputat. Prattikament kien hemm qbil li l-ammont ta' ħsara kien Lm107.65 u li dawn kienu magħmula mill-imputat. Ma hemmx dubju dwar dan għax ix-xhieda li ngħatat kemm minn Carmelo Sammut kif wkoll minn Helen Sammut hija waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha. Effettivament l-imputat kien anke ħallas tal-ħsara illi kien għamel. L-artikolu 235(1b) tal-Kap 9 jgħid jekk l-ammont

ma jeċċedix il-Lm500 imma jaqbeż il-Lm50. Ukoll jekk saret il-maħfra da parti ta' Carmelo Sammut, xorta minħabba l-ammont li jeċċedi il-Lm50, il-passi ex ufficio jibqgħu in vigore. U dan għaliex l-ammont ma jaqax taħt il-paragrafi (c) u (d) tas-subinċiż 1 ta' l-Artikolu 325 fejn kien jeħtieġ il-kwerela tal-parti biex ikomplu l-proċeduri.

Il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni skond l-Artikolu 325(b) tal-Kap 9 kif indikat mill-Avukat Ġenerali a fol 171.

Dwar it-tielet imputazzjoni jirriżulta ċar mix-xhieda li Helen Sammut li l-imputat daħal fi 26 Triq Salvu Psaila B'Kara li hija propjeta ta' Carmelo Sammut u tal-mara tiegħu u li għamel hekk billi kisser il-ħġieġa ta' l-antriporta u anke tefagħha 'l ġewwa. Jidher li dan id-dħul ma kienx bil-permess tas-sid. Kien hemm agressjoni kbira u kien hemm offiża kontra l-persuna kif hija definita fl-Artikolu 5(1)(d) tal-Kap 9 u kif mitlub mis-subinċiz (a) tal-paragrafu 330 tal-Kap 9. Dan l-Artikolu jirrikjedi wkoll li jintużaw xi mezz li huwa indikat f'wieħed mill-Artikoli 264, 265 u 266. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-bieb ta' l-antriporta jaqa' b'mod ċar taħt l-Artikolu 264(1). Għal hekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni u tal-ksur ta' l-Artikolu 330 kif indikat mill-Avukat Ġenerali.

Dwar ir-raba' u l-ħames imputazzjoni l-Avukat Ġenerali ta l-Artikolu 338(bb), 338(dd) u 340. Il-Qorti eżaminat l-atti u jidher illi l-attakk li għamel l-imputat l-iktar li sar fuq in-naħa ta' ġewwa tad-dar ta' Carmelo Sammut. Ix-xhieda prinċipali Helen Sammut u Carmelo Sammut imkien ma jsemmu xi kliem oxxen jew xi dagħa jew inkella li dawn l-avvenimenti seħħew barra fit-triq, imqar jekk it-tiċpis ta' demm instab barra fit-triq wkoll. Għal hekk fil-fehma tal-Qorti ma hemmx provi dwar ir-raba' u l-ħames imputazzjoni u dwar l-Artikolu 338(bb) u 338(dd) imsemmija mill-Avukat Ġenerali u qed tillibera lill-imputat minnhom.

Fl-aħħarnett, l-aħħat imputazzjoni hija dwar l-Artikolu 339(e) li hija wkoll kontravenzjoni meta wieħed jinsulta jew jhedded b'xi mod li mhux provdut fil-kodiċi jew inkella

meta jkun provokat, l-insulti tiegħu imorru ’l hemm mill-provokazzjoni. Għal darb’oħra il-Qorti fl-atti tal-proċess ma ssib imkien illi kien hemm xi insolenza jew theddid da parti ta’ l-imputat bejn Carmelo Sammut jew il-mara tiegħu Helen Sammut għaliex l-iktar li kien hemm kienet azzjoni fiżika fuq Carmelo Sammut u fuq il-propjeta ta’ Carmelo Sammut. Għal hekk il-Qorti wkoll ma ssibx lil-imputat ħati tas-sitt imputazzjoni u għal hekk qed teħilsu minn kull ħtija taħt l-Artikolu 339(e) u 340 u 342 tal-Kap 9.

L-Avukat Ġenerali ta artikoli oħra, xi wħud minnhom jirregolaw il-piena bħal ma huma 17(d) u 17(c) u l-Artikolu 20 talk-Kap 9. Dwar l-Artikolu 23 il-Qorti ma ssib xejn fil-proċeduri li għandha tikkonfiska. Dwar l-Artikolu 533, il-Qorti tinnota illi l-esperti illi xehdu matul il-mori tal-kawża kienu maħturin matul l-inkjesta illi saret fit-18 ta’ Ottubru 2004 u ġaladarba dawn l-esperti inħatru qabel is-16 ta’ Jannar 2006, il-Qorti mhix ser tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta’ esperti għax hekk kienet il-liġi każistika fiż-żmien ta’ meta seħħew l-allegati reati.

Dwar l-Artikolu 383, għalkemm jidher li l-partijiet rranġaw id-differenzi ta’ bejniethom, il-Qorti xorta ser tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 biex tevita kull inkwiet.

Għal hekk il-Qorti wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 325(b), 330, 338(bb) 338(dd), 339(e), 340, 342, 383, 17B u C, 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali qed issib lill-imputat ħati ta’ l-ewwel, t-tieni u t-tielet imputazzjoni dedotti kontrieh u għal hekk bi ksur ta’ l-Artikolu 214, 215, 216, 325(1)(b) kollha tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta iżda qed tilliberah mir-raba’ il-ħames u s-sitt imputazzjoni jiġifieri minn kull ħtija taħt l-Artikoli 338(bb), 338(dd) 340, 339(e) u 342 kif wkoll minn kull ħtija taħt l-Artikoli 217 u 218 kif indikat mill-Avukat Ġenerali.

Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkonsidra:

(a) ix-xhieda ta’ Dr.Mario Scerri (fol.15) li stabilixxa li l-imputat kellu feriti f’wiċċu, fuq moħħu, fuq xufftejh (inċiżjoni) u fuq imnieħru kif ukoll fuq idejh. Il-ġrieħi ta’

Chris Cumbo huma ta’ natura ħafifa .’ (fol.15 u 16) (Ara wkoll ir-rapport tas-serologu)

(b) x’qal l-imputat fl-istqarrija: ‘Rajt dak l-oġġett itir minn idejh, ipprova jerġa’ jqum biex jerġa’ jaqbdu u tajtu daqqtejn ta’ sieq.’

(ċ) il-fatt li jidher li kien l-imputat li mar ħdejn Carmel Sammut għaliex, skond l-imputat, Carmel Sammut kien qed jinsolenta lil missieru.

Il-Liġi ma tipprovdix skużanti għax wieħed jirreaġixxi minħabba li xi ħadd ikun weġġa’ bil-kliem lil xi qarib tiegħu. U jekk il-ġrieħi ta’ l-imputat kienu ħfief u l-Qorti ma rathomx aktar matul il-mori tal-kawża, allura l-iskużanti kkontemplata fl-artikolu 227 (a) tal-Kap 9 ma tapplikax. Lanqas ma jidhru li japplikaw l-iskużanti l-oħrajn.

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli msemmija aktar ‘il fuq u l-artikolu 28A tal-Kap 9. qed tikkundanna lill-imputat għall-piena karċerarja ta’ tnax-il xahar li m’għandhomx jidħlu fis-seħħ ħlief jekk l-imputat iwettaq xi reat fi żmien sentejn mil-lum. Il-Qorti spjegat lill-imputat l-artikolu 28A tal-Kap 9 fi kliem sempliċi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------